# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

## Seduta tal-4 ta' Marzu 2019

## Talba Numru 207/2018SFJ

**Mapfre Middlesea p.l.c. (C5553)**

**vs.**

**Paolini Gauci Limited (C65112)**

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fl-10 ta' Mejju 2018 li permezz tiegħu s-soċetà attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallasha s-somma ta' tmien mija u sebgħa u tmenin Ewro u għoxrin ċenteżmu (€887.20) li hija dovuta lis-soċjetà attriċi għal ħlas ta' *premium* fir-rigward tal-polza ta' assigurazzjoni maħruġa minn Allcare Insurance Limited li mbagħad ġiet trasferita għal Mapfre Middlesea p.l.c.

Ra d-dokumentazzjoni ippreżentata mal-Avviż tat-Talba li hija *statement* mibgħuta lis-soċjetà konvenuta li tindika din is-somma dovuta u mitluba fl-Avviż tat-Talba.

Ra d-dokumentazzjoni ippreżentata mis-soċjetà attriċi permezz ta' nota datata 25 ta' Settembru 2018 li hija lista meħuda mis-sit uffiċjali tar-Reġistru tal-Kumpaniji u li turi r-rappreżentant legali tal-kumpanija intimata u r-residenza tagħhom.

Ra n-nota ippreżentata mis-soċjetà attriċi fis-16 ta' Novembru 2018 fejn ġiet ippreżentata traduzzjoni tat-Talba 207/2018PA ippreżentata fl-10 ta' Mejju 2018 u dan biex issir notifika tat-

Talba flimkien mat-traduzjoni lid-direttur tas-soċjetà intimata, Giuseppe Paolini (passaport numru C239110, Via Palazzolo no.5, Siracusa).

Ra li s-soċjetà konvenuta debitament innotifikata bl-Avviż tat-Talba u t-traduzzjoni u bl-Avviż tas-Smigħ ma ippreżentaw ebda risposta u lanqas dehru sabiex jikkontestaw il-kawża.

Ra li fl-udjenza tat-13 ta' Frar 2019, is-soċjetà konvenuta ma dehritx u s-soċjetà attriċi ippreżentat kapitolu għas-subizzjoni tas-soċjetà konvenuta li permezz tiegħu riedet tipprova taħt ġurament li hija debitur tagħha fis-somma u għar-raġnijiet indikati fl-Avviż tat-Talba.

Ra li fl-udjenza tal-4 ta' Marzu 2019, is-soċjetà konvenuta baqgħet ma dehritx biex tiċħad il-mistoqsija magħmula lilha in subizzjoni u biex tikkontesta l-kawża.

Ra li fl-udjenza tal-4 ta' Marzu 2019, Rose Desira ghan-nom tas-socjeta attrici kkonfermat taht gurament l-amont dovut u indikat fl-avviz tat-talba.

Jidhirlu għalhekk li t-talba ġiet suffiċjentement ippruvata fil-kontumaċja tas-soċjetà konvenuta u tqis il-kapitolu bħala moqri u mistqarr.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi u konsegwentement jikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tmien mija u sebgħa u tmenin Ewro u għoxrin ċenteżmu (€887.20) bl-ispejjeż u d-drittijiet inklużi dawk tal-ittra uffiċjali numru 124/17 u imgħaxijiet legali li jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika tal-ewwel interpellazzjoni ġudizzjarja lill-intimat.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**